# L-EWWEL TA' MEJJU

*Ta'* KARMENU ELLUL GALEA

Illum il-kotra toħroġ tgħanni u tifraħ
  Fil-beraħ tat-triqat, f'wesgħat l-ibliet,
  U trodd il-ħajr lil min fl-imgħoddi ħabbha
  Refagħha mit-tkasbir wit-tbatijiet.

Hi tħoss ukoll li għandha sehem fil-ħajja
  U għandha l-jedd għall-ħaqq, għall-ġid w għajxien.
  M'għandhiex tinfena waqt li ġuf id-dinja
  Jitqal u jkattar bl-għana bla waqfien.

Illum hu jum il-kotra, mkabbra w hienja,
  Titlob ftehim u rabta bejn il-ġnus
  Ħalli fis-sliem jissaħħu l-fqir wid-dgħajjef
  U ġieh l-imsejken ma jibqax mirfus.

Illum il-kotra toħroġ tgħanni u tgħajjat
  Ma tneħħi darb' għal dejjem kull tfixkil
  Li fil-ġejjieni jista' jtemm ħajjitha
  Immermra sħiħ mill-qagħad wil-ġuħ qalil.

Illum Jum il-Ħaddiema — Jum Imqaddes —
  Li fih il-Knisja wkoll trodd ħajr u sliem
  Biex bħall-imgħoddi tgħasses bla xejn biża':
  Id-dmugħ, id-demm u l-għaraq tal-ħaddiem.